**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 37**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 16 ta' Awwissu 2017, fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Farruġia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sra Audrey Mifsud | Membru |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien assenti b'apoloġija u l-Viċi Ċerpersin kienet assenti wkoll, ippresieda l-laqgħa l-aktar membru anzjan, is-Sur Christopher Farrugia.**

37.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġji**

37.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Sam Abela. Il-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**37.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 34**

37.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 34 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur Christopher Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 34

**37.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 35**

37.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 35 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur Christopher Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 35

**37.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 36**

37.4.1 Il-minuti tas-seduta numru 36 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur Christopher Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 36

**37.5 Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin**

37.5.1 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li kienet ġiet riċevuta korrispondenza mill-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat Amministrattiv ġie infurmat li l-Onor. Ministru ma għandu ebda oġġezzjoni li tintuża l-istemma mill-Kumitat Amministrattiv Tal-Virtu'.

Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

**37.6 Rapport dwar il-Finanzi**

37.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti.

Rapport dwar il-Finanzi

Is-Sur Christopher Farrugia ippropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sra Louise Aguis.

**37.7 Mozzjoni 01/2017 – 'Mozzjoni biex issir tranġar ta' mgħoddija wara l-Kastell ta' tal-Virtu''**

37.7.1 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona mozzjoni numru 01/2017 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sra Louise Aguis fl-assenza tas-Sna Renate Guillaumier.

Mozzjoni 01/2017 – 'Mozzjoni biex issir tranġar ta' mgħoddija wara l-Kastell ta' tal-Virtu''

Wara diskussjoni li saret dwar din il-mozzjoni ġie deċiżż li jintbgħat komunikat lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jigi stabilit jekk l-mgħoddija hijiex art pubblika jew inkella tal-privat.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**37.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

37.8.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 20 ta' Settembru 2017 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

37.8.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'......................... 2017.

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| **Sam Abela** | **Orietta Cardona** |
| **Ċerpersin** | **Segretarju Eżekuttiv** |